STORY CHANGERS

l-ewwel Newsletter, Settembru 2021

**Enhancing Pupils' Social Skills and Enriching Teaching Methods through Storytelling and Virtual Reality**

# Dwar il- proġett

Story Changers huwa proġett Ewropew (Erasmus+) immexxi mill- koordinatur tiegħu M.M.C. Management Center Ltd, Ċipru.

Il-proġett ġie mniedi f'Diċembru 2020 u jispiċċa fl-aħħar ta' Marzu 2023. L-għan tal-proġett huwa biex isaħħah il- ħiliet soċjali tal- istudenti permezz ta' metodi ta' tagħlim innovattivi biex joħolqu pont bejn rakkonti ta' stejjer u ta' realta' virtwali.

# Lejn min hu mmirat u l- għanijiet

**Il- benefiċjarji diretti tal- proġett huma rrappreżentati mill- istudenti u l- għalliema. L-għanijiet huma:**

**STUDENTI**

- L-għan li jiżviluppa l-ħiliet soċjali tal-istudenti, bħal ma huma empatija, ħsieb kritiku, is-soluzzjonijiet għall-problemi, l-aċċettazzjoni għad-diversità, il-kuxjenza dwarhom innifishom, eċċ.
- Jgħinhom jiskopru l-qawwa tar-rakkont ta' stejjer u jitnebbħu biex jużawha fil-ħajja ta' kuljum kif ukoll fil-ħajja futura tagħhom (fl-istudji u fil-karrieri professjonali tagħhom)
- Jgħinhom japprezzaw u jsiru familjari ma' teknoloġiji ġodda u innovattivi, itejbu l-ħiliet diġitali jew tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

**L-GĦALLIEMA**

- Jgħinhom itejbu l-ħiliet tat-tagħlim tagħhom billi jintegraw il-kunċett tar-rakkont ta' stejjer fit-tagħlim tagħhom.
- Jgħinhom japprezzaw u jsiru aktar familjari ma' metodi ġodda u innovattivi ta' tagħlim li jikkombinaw flimkien ir-rakkont ta' stejjer u x-xenarji interattivi tar-realtà virtwali u b'hekk itejbu l-ħiliet diġitali jew tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni
- Jgħinhom itejbu ħiliet bħall-kreattività u l-flessibilità u jintegrawhom ta' spiss fil-prattika ġewwa l-klassijiet tagħhom
- Jgħinhom jibnu fuq esperjenzi komuni mal-istudenti tagħhom u għalhekk isaħħu r-relazz jonijiet professjonali u fuq kollox dawk personali mal-istudenti. Il-kunċett tal-istejjer "You Tell" jagħti l-opportunità lill-għalliema biex iħallu lill-istudenti jagħtu l-opinjoni tagħhom u b'hekk, juruhom li jirrispettaw u japprezzaw il-kapaċitajiet kreattivi u intellettwali tagħhom.
- Jgħinhom iħarsu lil hinn mill-istruttura u r- rutina ta' kuljum u jesperjenzaw parti ġdida tal-edukazzjoni li x'aktarx qatt ma kellhom iċ-ċans jesperjenzaw.



# Riżultati

- **Rapport aggregat dwar l-aqwa prattiki dwar ir-rakkonti ta' stejjer u t-teknoloġija virtwali fl-edukazzjoni Primarja.**
- **10 Stejjer "You Tell" u gwida relevanti**
- **5 stejjer "You Tell" se jiġu mibdula f'xenarji permezz tar-realtà virtwali u se tiġi żviluppata gwida dwar kif dawn għandhom jintużaw**

# Fażi Kurrenti

## Laqgħat tal- kumitat

- **Laqgħa għat- tnehid tal- proġett**

Fit- 23 u l- 24 ta' Frar il- konsorzju ltaqa' permezz ta Zoom għat- tnehid tal- proġett. Fl-ewwel jum tat-tnedija ta' dan il- proġett, il-koordinatur tiegħu, ippreżenta lill-konsorzju ħarsa lejn l-għanijiet tal–proġett kif ukoll deskrizzjoni fid-dettal dwar ir-riżultati li misten-nija jinkisbu u preżentazzjoni fid-detall dwar riżultati/analiżi u attivitajiet oħra marbuta ma' dan. Imbagħad ingħatat attenzjoni partikolari għall- ewwel Produzzjoni Intelletwali 1: Gwida għall-aqwa prattiki marbuta mar-rakkont ta' stejjer u mat-Teknoloġija tar-Realtà Virtwali fl-Edukazzjoni Primarja (IO1) u l- fażi riċerka dokumentata li serviet bħala bażi biex tinħoloq Gwida Relevanti. It- tieni jum tal - laqgħa kien iffukat fuq it- tmexxija tal- proġett.

- **It- tieni Laqgħa tansnazzjonali**

It- tieni laqgħa transnazzjonali seħħet permezz ta' Zoom fit- 30 u l- 31 t'Awwissu 2021. Wara ħarsa lejn ir-riżultati miksuba s'issa (IO1) il- koordinatur spjega l-kompiti li jmiss biex jinħolqu l-istejjer "You Tell"(IO2) u t-teknika u l- gwida li ser tintuża biex l-istejjer imbagħad jinqelbu għal xenarju virtwali (IO3).



## Attivita’ ta’ Tagħlim

L-attivita’ tat -tagħlim kienet immexxija mill- membri tat-tim ta’ MYTHOS. Din l-attivita’serviet biex il- konsorzju isir midħla mal- għanijiet,it -teknika u l – letteratura dwar ir- rakkonti ta’ stejjer billi jgħaqqdu t-teorija mal- prattika. Wara ħarsa lejn il- pedamenti teoretiċi ta’ l-istejjer moderni, il- faċilitaturi ppreżentaw żewġ mudelli ta’ stejjer għat-tfal li kellhom bħala temi, il-ħin,il-ħbiberija kif ukoll il- ‘bullying’.  Fit- tieni parti ta’ l-attivita’, l-imsieħba fil -proġett laqgħu l-isfida biex joħolqu l-ewwel storja.

# Riżultati tal- Proġett

## Gwida dwar l-aqwa prattika fir- rakkonti ta’ stejjer u r-realta’ virtwali fl-edukazzjoni primarja.

Sabiex jintlaħqu l-ewwel għanijiet tal- progett, fl-ewwel fażi tal -proġett saret riċerka dokumentata, biex jiġu dentifikati mudelli ta’ prattiki fi tlett oqsma ta’ nteress għar- rakkoti ta’ stejjer, ir-realta’ virtwali u taħlita tat-tnejn. Il- konsorzju esplora applikazzjonijiet varji biex jaraw l- impatt  ta’metodi tat-tagħlim li jimmiraw biex jiżviluppaw il-ħiliet soċjali bażiċi tal-istudenti.  Il- konsorzju ġabar 25 – mudelli ta’ l-aqwa prattiki li ġew implimentati minn entitajiet differenti – assoċjazzjonijiet,ċentri ta’ riżorsi,skejjel u universitajiet eċċ. minn madwar id-dinja  (  Awstralja,Kanada,  Kolombja,Finlandja,Franza,Ġermanja,Greċja,  l-Olanda,  Norveġja,l-Afrika t’ Isfel,il-Koreja t’ Isfel, Spanja, l-Isvezja, l-Istati Uniti, u Wales).
Dawn kienu inklużi fil- Gwida ta’ l-Aqwa Prassi fir – rakkonti ta’ stejjer u realta virtwali fl-edukazzjoni primarja.

## Gwida Relevanti għal- Ħolqien ta’ Stejjer “You Tell”

Il- Gwida għal- Ħolqien ta’ Stejjer “You Tell” kien kompost minn MYTHOS u MMC  u l-għan kien li l-imsieħba ikollom gwida ġenerali għal ħolqien ta’ stejjer għat-tfal partikolarment stejjer“You Tell”. Din intużat bħala materjal għat-taħriġ bażiku fl-Attività tat-Tagħlim, filwaqt li wara li jispiċċa l-proġett, tista’ tintuża minn partijiet interessati bħala għodda biex il-professjonisti jiffamiljarizzaw ruħhom ma’ xi kunċetti bażiċi li għandhom x’jaqsmu ma’ stejjer kreattivi u tekniki marbuta mal-kitba kreattiva. Il- gwida fiha informazzjoni , pariri u kunċetti bażiċi li għandhom x’jaqsmu ma’ stejjer kreattivi u tekniki marbuta mal-kitba kreattiva. Kif ukoll mudelli ta’ stejjer biex jservu ta’ għajnuna għar -rakkonti ta’ stejjer, għall- għalliema, min iħarreġ u studenti  - bħala għodda biex il-professjonisti jiffamiljarizzaw ruħhom ma’ xi kunċetti bażiċi li għandhom x’jaqsmu ma’ stejjer kreattivi u tekniki marbuta mal-kitba kreattiva u n-narrazjoni,kif ukoll biex jinħolqu “You Tell “ Stories

# Attivitajiet li jmiss

## Stejjer "You Tell" u Gwida Relevanti

Min-naħa tagħhom l-imsieħba se joħolqu l-istejjer "You Tell": dawn se jinkludu diversi "punti deċiżivi" u f'dawn il-mumenti l-istudenti jridu jiddeċiedu x'għandu jagħmel l-eroj tal-istorja; l-istorja tiżvolġi skont id-deċizjonijiet tal-istudenti. Fost it-temi tal-istejjer se jkun hemm dawn li ġejjin:

- **Id-diversità**
- **Ir-reżiljenza**
- **Il-ħbiberija**
- **Ir-rispett**
- **Il-limiti**

## Il-Ħolqien tax-Xenarji "You Tell" permezz tar-Realtà Virtwali – ta' 5 stejjer u Gwida Relevanti

Mill- għaxar stejjer maħluqa mill-imsieħba kolla f'IO2 – ħamsa minnhom se jinbidlu f'xenarju virtwali mill-esperti ta' Omega Technology,Greċja. Se tiġi żviluppata gwida dwar kif dawn għandhom jintużaw [Gwida 3] minn Omega.

**Isem u Dettalji:**
M.M.C Management Center Ltd
16 Imvrou Street, 1055 Nicosia, Cyprus
+35722466633
eu3@mmclearningsolutions.com
http://storychangers.projectsgallery.eu

**Koordinatur:**
M.M.C Management Center Ltd (CYPRUS)

MMC Mediterranean Management Centre

**Msieħba:**
EUROCIRCLE (FRANCE)
OMEGATECH (GREECE)
Apostolos Varnavas Primary School (CYPRUS)
Escola Sant Josep (SPAIN)
St Joseph Mater Boni Consilii School (MALTA)
Iera Moni Agiou Iosif / Ellinogalliki Scholi Jeanne D'Arc (GREECE)
Centre for the Study and Dissemination of Myths and Folktales (GREECE)

Apostolos Varnavas Primary School (CYPRUS)

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.